# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M.
## (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Erbgha 14 ta' Frar 2018**

**Rikors Numru: 848/17 JPG**

**Kawza Numru: 12**

**Marcin Depczynski (K.I 46141A) bhala rapprezentant lokali tas-socjeta' estera Quick Turtle sp.zo.o. socjeta' b'responsabbilita' limitata registrata taht il- ligijiet tal- Polonja bin-numru ta' registrazzjoni 0000260040, u bl-ufficju registrat ul. Wodna 6 30-556 Krakovja, Polonja**

**Vs**

**STK Europe Ltd (C 61219)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors guramentat ta'Marcin Depczynski (K.I 46141A) bhala rapprezentant lokali tas-socjeta' estera Quick Turtle sp. z o.o socjeta' b'responsabbilita' limitata registrata taht

il- Ligijiet tal- Polonja bin-numru ta' registrazzjoni 0000260040, u bl-ufficju registrat ul. Wodna 6 30-556 Krakovja, Polonja, datat 18 ta' Settembru 2017,a fol 1,et seqq, li jaqra hekk;

1. *Illi l-partijiet iffirmaw ftehim fit-30 ta' Mejju 2016 fejn qablu li joholqu servizz ta' garr ta' merkanzija bejn Malta u Fiano Romano (Bartolini BRT) gewwa l-Italja, u dan taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess ftehim li qieghed jigi hawn anness bhala* **Dok A.** *Ir-rwol tas-socjeta' rikorrenti ai termini tal-imsemmi ftehim kien li tipprovdi l-vannijiet u taghmel l-arrangamenti necessarji sabiex ikunu jistghu jsiru t-tragitti miftehma;*

2. *Illi l-ftehim jistipula bl-izjed mod car li wahda mill-kundizzjonijiet ghal dan in-negozju kienet li s-socjeta' intimata kellha tordna* ***mill-inqas hames (5) tragitti fil-gimgha*** *bejn Malta u l-Italja (one-way). Fl-eventwalita' li s-socjeta' intimata ma tonorax dan l-obbligu, il-partijiet qablu li l-istess socjeta' intimata kellha thallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf ewro (€1,000) ghal kull tragitt li ma jkunx sehh, u dan bhala penali per via ta' danni pre-likwidati (vide klawsola c tal- preamboli, kif ukoll artikli 8 u 9 tal-ftehim);*

3. *Illi ai termini ta' Artiklu 13, il-ftehim kellu durata ta' tnax-il xahar (12) mid-data meta l-vannijiet tat-tip Iveco jkunu disponibbli li jibdew jintuzaw, izda l-ftehim kellu jigi mgedded awtomatikament ghal perjodi ta' tnax-il (12) xahar kull darba sakemm wahda mill-partijiet ma tavzax lill-parti l-ohra bl-intenzjoni taghha li tittermina l-ftehim fi zmien tliet (3) xhur qabel id-data tal- iskadenza li jkun imiss;*

4. *Illi permezz ta' ittra datata 14 ta' Lulju 2017 (***Dok B***), is-socjeta' intimata nfurmat lir-rikorrenti bl-intenzjoni taghha li tittermina l-ftehim b'effett immedjat, u dan allegatament minhabba ragunijiet ta' force majeure li ma nghata ebda spjegazzjoni taghhom. Fl-istess ittra l-intimata sahqet li ebda penali m'huma dovuti minhabba l-istess ragunijiet;*

5. *Illi l-ftehim ta' bejn il- partijiet kien ghadu vigenti f'din d-data stante li kien gie mgedded b'mod awtomatiku, kif stipulat fl-Artiklu 13 tal-ftehim;*

6. *Illi inoltre l-ftehim tat-30 ta' Mejju 2016 jistipula b'mod car li l-penali mahsuba f'Artiklu 9 tal-ftehim ma jkunux dovuti* ***biss*** *meta vann li jkjun mhgobbi u lest ghat-tragitt jigi impedit milli jitlaq minn Malta minhabba xi raguni ta' forza magguri, liema cirkostanzi m'avverawx ruhhom fil-kax odjern;*

7. *Illi, inoltre minn stharrig li ghamlet ir-rikorrenti rrizulta li s-socjeta' intimata kienet giet soggetta ghall-investigazzjonijiet mill-awtoritajiet fiskali, liema cirkostanzi certament ma jammontawx ghal force majeure;*

8. *Illi ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti,permezz ta' ittra legali datata 25 ta' Lulju 2017 (**Dok C**), irrespingiet il-pozizzjoni tas-socjeta' intimata u interpellatha sabiex thallasha l-ammont ta' tliet mitt elf u hamest elef Ewro (€305,000), rapprezentanti penali ghal kull tragitt li ma sehhx skont il- ftehim bejn il-partijiet;*

9. *Illi madanakollu s-socjeta' intimata baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il- kawza.*

*Illi, ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u provvediment iehor li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun:*

a) *Tiddikjara u tiddeciedi li bl-agir taghha s-socjeta' intimata kisret l-obbligi kuntrattwali taghha naxxenti mill-ftehim datat 30 ta' Mejju 2016;*

b) *Tiddikjara lis-socjeta' intimata responsabbli ghall-hlas ta' penali per via ta' danni pre-likwidati skond il-ftehim ta' bejn il-partijiet datat 30 ta' Mejju 2016, liema penali jammontaw ghal tliet mitt elf u hamest elef ewro (€305,000);*

c) *Tikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex thallas tali ammont, jew kwalunkwe ammont iehor li jirrizulta dovut matul is-smiegh tal-kawza, lir-rikorrenti;*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru u kawtelatorju bin-numru ta referenza 1269/2017, u bl-imghaxxijiet legali saad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' intimata li hi minn issa ingunta ghas-*subizzjoni.

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat d-digriet tat-22 ta' Settembru 2017, a fol 10 et seqq.

Rat id-digriet tas-17 ta' Ottubru 2017 (Vide fol 23)

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat;**

**Marcin Depczynski** xehed a fol 63 *et seqq* illi huwa r-rapprezentant legali tas-socjeta Quick Turtle SPZOO li hija inkorporata fil-Polonnja. Spjega illi bejn is-socjetajiet kontendenti kien hemm ftehim datat Mejju 2016 illi s-socjeta rikorrenti teffetwa servizzi ta' trasport ta' merkanzija lis-socjeta ntimata, b'konsegwenza ta' liema, is-socjeta rikorrenti kienet akkwistat makkinarju specifiku, bhal ma huma trukkijiet li gew maghmula apposta ghal dan il-ftehim. Kompla li skont dan il-kuntratt kellu jkun hemm gar ta' merkanzija lejn l-Italja hames darbiet fil-gimgha, u fil-ftehim kien hemm previst penali ta' €1,000 ghal kull vjagg illi ma jsehhx. Spjega wkoll illi dan il-ftehim kien ghal sena u kellu jigi mgedded awtomatikament, kif filfatt kien sar, u zied illi ghalkemm dan kien validu sa mit-30 ta' Mejju 2016, skont il-ftehim is-sena li ghalih kien validu ghandha tigi kkalkolata mill-bidu ta' Settembru, ghaliex dan kien iz-zmien li fih setgha jibda l-operat bejn il-partijiet.

Xehed illi ghalkemm ghal ewwel sena kollox kien mar sew, fit-tieni sena bdew ikollhom il-problemi peress illi s-socjeta ntimata kellha tieqaf topera ghaliex kienet qed tigi nvestigata mill-Awtoritajiet Taljani ghall-evazzjoni tat-taxxa. Spjega li s-socjeta rikorrenti waslet ghall-ammont pretiz billi kkalkolat in-numru ta‘ gimghat li jonqos sabiex jiskadi l-kuntratt, u cioe wiehed u sittin (61) gimgha. Ikkonferma wkoll illi mill-ammont pretiz ghadhom ma rcievew ebda somma minghand is-socjeta rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm is-socjeta nitmata giet debitament notifikata bl-atti fl-24 ta’ Ottubru 2017, hija baqaghet kontumaci f’dawn il-proceduri, kif ukoll ma prezentatx in-nota ta’ sottomissjonijiet minkejja li gie moghti zmien skont il-ligi sabiex jaghmel dan.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> “... ***huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm ilkonvenut jibqa’ kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta’ jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35***;”

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et** noe., Appell, 27 ta’ Marzu, 1996 inghad:

> “***Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza talQrati taghna, il-konvenut li jibqa’ kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta’ l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero’ li l-Qorti***

***tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991:***

> ***"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika.***

***Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;***""

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono**, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsisdrat;**

Rigward it-terminazzjoni unilaterali ta' kuntratt, intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Pio Gauci vs Joseph Cutajar** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Mejju 1989 illi:

> "…***l-artikolu 1068 tal-Kap.16…mhux talli ma jippermettix it-terminazzjoni unilaterali tal-kuntratt minhabba inadempjenza, talli jghati lill-Qorti il-fakolta li taghti zmien ragjonevoli lid-debitur li jissodisfa l-mora li jkun fiha. Fil-kamp kummercjali mbaghad fejn l-ispeditezza tan-negozji ma tippermettix dewmien, din l-istess regola hija varjata fis-sens illi l-Qorti m'ghandhiex din id-diskrezzjoni u hija obbligata tholl il-kuntratt***."

Fir-rigward ta' azzjonijiet ghad-danni, skont l-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili:

> *"(1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skont id-dispozizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l- eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Liu Jun et noe vs Ulrich Salomo noe** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta' Ottubru 2002 intqal illi:

> "*Meta jkun hemm ksur ta' kuntratt, l-obbligat ikun responsabbli ghad-danni. Dawn id-danni jistghu jkunu jew konvenzjonali jew gudizzjali. Ta' l-ewwel* ***huma danni prelikwidati, fejn il-kontraenti jiftiehmu minn qabel li, f'kaz ta' ksur tal-kuntratt, id-danni rizarcibbli jkunu tant, kwantifikati minn qabel. F'dan il-kaz, dawk id-danni jkunu dovuti minghajr htiega li ssir il-prova li dawk id-danni gew fil-fatt sofferti.*** *Min-naha l-ohra, jekk id-danni ma jkunux prelikwidati, min jitlob id-danni, irid jipprova t-telf li hu realment ikun sofra, u dan peress li d-danni jridu jkunu reali. Id-danni, f'dan il-kaz, jigu likwidati mill-Qorti, u ghandhom ikollhom konnessjoni diretta mal-ksur invokat.*
>
> […]
>
> *Meta zewg partijiet jiftiehmu minn qabel x'ghandhom ikunu d-danni f'kaz ta' nuqqas, dik il-konvenzjoni torbot lill-partijiet bhala espressjoni tal-volonta' libera taghhom. Gie dejjem ritenut li l-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni soggettiva taghha ghar-rieda tal-partijiet li diga' stabbilew bejniethom il-quantum tad-danni li l-attur isofri minhabba l-inadempjenza tal-parti l-ohra fl-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni assunta minnha.* ***Meta l-partijiet jiftiehmu minn qabel l-ammont ta' danni, ma tistax ikun hemm temperament fil-quantum, liberament miftiehma u assunta*** *(ara*

> *"Mifsud vs Stivala" deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' Ottubru, 1991.) L-iskop fil-fatt, ta' tali klawsoli, fi kliem il- Baudry – Lacantinerie (Trattato Di Diritto Civile – Delle Obbligazioni – Vol I p. 542), "e' quello d'evitare le contestazioni ed i giudizi ai quali potrebbe dar luogo la liquidazione del risarcimento dei danni, e qualche volta anche di premunirsi contro l'arbitrio, inevitabile in questa materia, delle decisioni del giudice. Del resto, le parti possono, meglio d'ogni altro, valutare i propri interessi.'"*"

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Dolores Zammit Grech vs Kevin Zammit** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-17 ta' Marzu 2005 intqal illi:

> "*Ma jidhirx, ghalhekk li hu permess bil-ligi temperament tal-penali, liberament miftehma u assunta (ara Kollez. Vol. XX.1.9; Vol. XXXI.11.19; Vol. XXXV.11.530; u, "Vella vs Falzon", deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Lulju, 1982). Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Spiteri vs Sammut", deciza fit-2 ta' Lulju, 2003, "**min jobbliga ruhu taht penali li josserva l-obbligi minnu assunti, hu obbligat li jhallas dik il-penali, jekk ma jippruvax hu illi kien hemm xi raguni li tezentah minn dik il-penali**". F'dan il-kaz, il-konvenut ma ressaq ebda gustifikazzjoni f'dan is-sens u jrid, ghalhekk, ihallas il-penali.*"

Din il-Qorti taghraf li dan ir-ragunament huwa bbazat fuq l-Artikolu 1138 tal-Kodici Civili, li jipprovdi b'dan il-mod:

> "***meta l-ftehim jistabbilixxi illi l-parti li tonqos mill-esekuzzjoni tieghu ghandha thallas somma determinata bhala danni, ma tistax tigi moghtija lill-parti l-ohra somma akbar jew izghar***."

Il-Qorti pero taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Michael Pace vs Richard Micallef et noe** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru 2004 fejn intqal illi:

> "…*l-ewwel Qorti, fl-ahhar imsemmija sentenza, applikat ad litteram is-sub-artikolu (1) ta' l-Artikolu 992 tal-Kodici Civili li jiddisponi li l-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom, cioe' pacta sunt servanda. Dik il-Qorti pero' injorat ghal kollox id-disposizzjoni kontenuta fl-Artikolu 993 invokata mill-appellant li tesigi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi u li dawn jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi.* ***Din il-Qorti tifhem li fil-kuncett tal-bona fidi jidhol ukoll certu element ta' ekwita' kif ukoll ta' sens prattiku u morali li jigi vjolat mhux biss meta konfrontat b'agir specifiku doluz biex jaghmel il-hsara, izda wkoll b'dak il-komportament li jkun ghal kollox sproporzjonat u li ma jkunx accettabli skond in-normi stabbiliti tas-socjeta' u tal-logika guridika.*** […] ***Il-hsieb ta' din il-Qorti f'dan ir-rigward hu rifless fil-massima tad-dritt komuni li ghal sekli shah iddomina l-kontinent Ewropew: in omnibus quidem, maxime tamen in jure, aequitas spectanda sit*** *(Dig. 50, 17, 90).*"

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **A.M. Developments et vs Pauline Micallef** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Ottubru 2013:

> "*Jidher pero li* ***llum il-gurnata l-ideja hi li penali eccessivi jistghu jigu riveduti u mibdula anke fil-kaz ta' penali ghall-inadempjenza u mhux biss ghad-dewmien meta fil-fehma tal-Qorti, irrispettivament minn dak li jkunu ftehemu l-partijiet, tista' tinholoq il-possibilita' li jkun hemm konsegwenzi assurdi****. Gie deciz illi "l-applikazzjoni tar-regola mahsuba fl-artikolu 1122 tal-Kap. 16 trid titfisser ukoll fid-dawl ta' principju iehor ewlieni tad-dritt, jigifieri dak li jrid li l-kuntratti jigu esegwiti b'bona fidi u jobbligaw, mhux biss ghal dak li jinghad fihom, imma ukoll ghall-konsegwenzi li ggib maghhom l-obbligazzjoni, skont l-ghamla taghha, b'ekwita', bl-uzu jew bil-ligi. Dan ifisser li* ***b'applikazzjoni tal-massima in omnibus quidem,***

> ***maxime tamen in jure, aequitas spectanda sit, huwa possibbli li l-effett u l-applikazzjoni litterali ta' klawsola penali jigu "ridimensjonati" jekk jirrizulta li dawn joffendu jew jiksru s-sens prattiku u morali tal-obbligazzjoni billi jkunu jidhru sproporzjonati jew inaccettabbli "skond in-normi stabiliti tas-socjeta' u l-logika guridika**" (Michael Pace vs Richard Micallef pro et noe, App Civ 15/12/2004; Falzon Sant Manduca vs Mario Grima, PA 08/03/2005; Calleja Urry vs Portelli, App 28/02/2011).*"

Il-Qorti tibda l-ewwel nett billi tirrileva illi ghalkemm ir-rapprezentant legali tal-kumpanija rikorrenti spjega illi l-ammont pretiz minnha gie kkalkolat fuq medda ta' wiehed u sittin (61) gimgha, il-Qorti rat illi fix-xhieda tieghu huwa qal illi s-sena ghandha tigi kkalkolata mil-bidu ta' Settembru, u ghalhekk bejn l-14 ta' Lulju 2017 u l-bidu ta' Settembru 2018 hemm 59 gimgha u mhux 61. Dan ifisser illi l-ammont ta' penali skont il-kuntratt ghandu jkun ta' **€295,000** u mhux ta' €305,000, kif qed titlob is-socjeta rikorrenti.

Inoltre, l-Qorti rat l-insenjament tal-Qrati Maltin rigward it-temperament tal-penali a bazi tal-massima ***omnibus quidem, maxime tamen in jure, aequitas spectanda sit,*** u tqis illi f'dan il-kaz ikun sproporzjonat illi s-socjeta rikorrenti tinghata l-penali stabbiliti sa Settembru 2018, u dan ikkonsidrat il-fatt illi galadarba giet notifikata mill-ewwel mis-socjeta ntimata illi n-negozju ta' bejn il-kontendenti ma setghax ikompli, is-socjeta rikorrenti issa qieghda f'posizzjoni li taccetta xoghol iehor b'konsegwenza li kwalunwke telf li setghat isofri jigi newtralizzat b'dan il-mod. Il-Qorti ghalhekk sejra tapplika il-penali stabbiliti fil-kuntratt ghal medda ta' nofs iz-zmien remanenti mill-kuntratt u cioe':

**59-il gimgha ÷ 2 x €5,000 = €147,500**

**Ghalhekk l-ammont dovut mis-socjeta ntimata bhala penali huwa ta' mija u sebgha u erbghin elf u hames mitt euro (€147,500)**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta‘ u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa‘ l-ewwel talba u tiddikjara illi bl-agir taghha s-socjeta ntimata kisret l-obbligi kontrattwali taghha naxxenti mill-ftehim datat 30 ta‘ Mejju 2016;**

2. **Tilqa‘ limitatament it-tieni talba u tiddikjara li s-socjeta ntimata hija responsabbli ghall-hlas ta‘ penali bhala danni pre-likwidati skont il-ftehim bejn il-kontendenti datat 30 ta‘ Mejju 2016, liema penali jammontaw ghal mija u sebgha u erbghin elf u hames mitt euro (€147,500);**

3. **Tilqa‘ t-tielet talba u tikkundanna lis-socjeta ntimata thallas lir-rikorrent noe is-somma ta‘ mija u sebgha u erbghin elf u hames mitt euro (€147,500) bl-imghax dekoribbli mid-data ta‘ din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez kollha kif mitluba mir-rikorrenti noe huma a karigu tas-socjeta ntimata.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**